**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn 9 ta` Marzu 2020**

**Kawza Nru. 2**
**Rikors Gur. Nru. 22/2017 JZM**

**L-Avukat Stephen Muscat bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Italcables S.p.A**

***kontra***

**Polidano Brothers Limited (C8884)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-<u>10 Jannar 2017</u> li jaqra hekk :–

*<u>Fatti</u> :*

*1. Illi s-socjeta` rikorrenti hija kumpannija rregistrata gewwa l-Italja, liema socjeta` topera fil-qasam tal-manifattura ta` wajers, kejbils u accessorji ohra maghmula mill-azzar.*

*2. Illi s-socjeta` intimata xtrat minghand is-socjeta` rikorrenti merkanzija li tikkonsisti f`tnejn u ghoxrin (22) roll ta` low relaxotion wire strands, kif deskritt fil-fatturi mahruga mis-socjeta` rikorrenti u datati 25 ta` Ottubru 2012 u 13 ta` Dicembru 2012, hawn annessi u mmarkati bhala "Dok A", "Dok B" u "Dok C".*

*3. llli ghalkemm il-merkanzija hawn fuq imsemmija giet sussgwentement ikkonsenjata lis-socjeta` intimata kif stipulat fil-Combined Transport Bills of lading (hawn annessi u mmarkati bhala "Dok D", "Dok E" u "Dok F"), datati 27 ta` Ottubru 2012 u 16 ta` Dicembru 2012 rispettivament, f`kundizzjoni tajba u bla ebda difett s-socjeta` rikorrenti ghad baqghala tithallas minghand is-socjeta` intimate s-somma kumplessiva ta` sitta u erbghin elf, mitejn tnejn u sebghin Euro u ghaxar centezmi (€46,272.10), rapprezentanti prezz tal-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess socjeta` intimata, u dan kif deskritt fid-dokument intitolat "scadenze" datat 30 ta` Lulju 2014, hawn anness u mmarkat bhala "Dok G", li jelenka l-hlasijiet dovuti mis-socjeta` intimata favur is-socjeta` rikorrenti.*

*<u>Ragunijiet ghat-Talbiet</u> :*

*4. llli nonostante li permezz ta` ittra ufficjali datata 2 ta` Settembru 2014 (li kopja taghha qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok H"), is-socjeta` intimata giet interpellata mis-socjeta` rikorrenti sabiex thallas l-ammont hawn fuq imsemmi, hija xorta baqghet inadempjenti sal-gurnata tal-lum, ghalkemm is-socjeta` intimata permezz ta` nota fl-atti tal-istess ittra ufficjali, ikkontestat l-istess ittra ufficjali, pero` minghajr ma specifikat fuq liema bazi kienet qieghda tikkontesta l-istess ittra ufficjali.*

*Illi ghalhekk qieghed isir ir-rikors guramentat odjern.*

*<u>Talba</u> :*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, is-socjeta` rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni ohra :-*

*1. Tiddikjara lis-socjeta` intimata debitrici tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta` sitta u erbghin elf, mitejn tnejn u sebghin Euro u ghaxar centezmi (€46,272.10), rapprezentanti prezz tal-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` intimata;*

*2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas is-somma kumplessiva ta` sitta u erbghin elf, mitejn tnejn u sebghin Euro u ghaxar centezmi (€46,272.10) lis-socjeta` rikorrenti ghar-ragunijiet fuq premessi.*

*Bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta` kull fattura sal-gurnata tal-effettiv pagament u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta` Settembru 2014, kontra s-socjeta` intimata li minn issa tibqa` ngunta ghas-subizzjoni taghha.*

Rat il-lista tax-xhieda kif ukoll id-dokumenti li kienu prezentati mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata pprezentata fil-15 Frar 2017 u li taqra hekk :-

*1. Illi s-socjeta` esponenti mhux qieghda tikkontesta illi hemm bilanc ta` ammont ta` flus x`jithallas lis-socjeta` Italcables S.P.A rapprezentanti merkanzija li rceviet minn ghand l-istess socjeta`.*

*2. Illi dak li qed jigi kkontestat huwa l-ammont mitlub, stante illi huwa aktar mill-ammont li effettivament huwa dovut mis-socjeta` konvenuta;*

*3. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.*

*Bl-ispejjes kontra l-atturi li minn issa huma ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda li kienet annessa mar-risposta guramentata.

Semghet ix-xiehda ta` Frank Zammit Kontrollur Finanzjarju tal-kumpannija konvenuta.

Rat in-nota ta` ammissjoni li s-socjeta` konvenuta pprezentat fl-udjenza tal-lum.

**In vista tal-ammissjoni tal-kumpannija konvenuta, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tilqa` l-ewwel talba. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` sitta u erbghin elf, mitejn tnejn u sebghin Euro u ghaxar centezmi (€46,272.10), rapprezentanti prezz tal-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta.**

**Tilqa` t-tieni talba. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` sitta u erbghin elf, mitejn tnejn u sebghin Euro u ghaxar centezmi (€46,272.10), bl-imghax legali kif mitlub u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**